# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).

**Seduta Nru : XXXI**
**Appell Nru: 202/2000**

**Il-Pulizija (Seduta ta'Rahal Gdid)**

**Vs**

**ANTON CUTAJAR**

**Illum, 16 ta'Marzu, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha Anton Cutajar kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali w akkuzat talli fis-17 ta'Jannar, 2000, ghal habta tat-3.00 a.m. u l-4.00 a.m., hebb ghal martu Antonia Cutajar gewwa l-forn numru 39, Simon Street, Fgura, u kkagunalha feriti ta'natura hafifa, skond kif iccertifika Dr. S. Abela mill-Paola Health Centre.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fid-29 ta'Frar, 2000, li biha sabet lill-Anton Cutajar hati ta' dawn l-akkuzi, u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor ghal zmien hmistax il-gurnata ai termini ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, u rabtitu sabiex bl-ebda mod ma jimmolesta lill-martu Antonia Cutajar taht penali ta' Lm100 ghal zmien sena.

Rat ir-rikors t'appell ta'Anton Cutajar datat 9 ta'Marzu, 2000, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-apellant.

Semghet lix-xhieda, rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi essenzjalment l-appell ta'Anton Cutajar huwa bazat fuq l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti li, skond hu, in bazi taghhom dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal sabiex issib htija fih.

Huwa minnu li l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri kienet mart l-appellant. Izda b'daqshekk dan ma jfissirx li dak li qalghet hi ma jistghax jigi emnut sal grad tal-konvinciment morali minhabba xi konflitt fil-provi, stante li l-appellant cahad kull allegazzjoni li saret kontrih. Hawnhekk jezistu zewg verzjonijiet kontrastanti, izda, l-ewwel Qorti, wara li qieset kollox, bhal ma ghamlet ukoll din il-Qorti, waslet ghall-konkluzzjoni taghha li kellha temmen il-verzjoni ta'Antonia Cutajar u tiskarta dik ta' l-appellant, allura imputat. Ma kien hemm xejn hazin f'dan l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, u li, in bazi tieghu, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li hadet. Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dak li ghamlet dik il-Qorti.

Ghal din ir-raguni, kull aggravju ta' l-appellant huwa respint, l-appell tieghu huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur